**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta’ Frar, 2025

Rikors Ġuramentat: 213/22 AL

**A B C**

**vs.**

**Dr. Jason Grima u l-P.L. Silvana Vella appuntati bħala kuraturi deputati b’digriet tat-22 ta’ Frar 2023 sabiex jirrapreżentaw lill-assenti H S (Nru. Tal-passaport tas-Senegal A02415271). B’digriet tal-5 ta’ Mejju 2023 l-isem H S ġie sostitwit bl-isem T W. B’digriet tal-14 ta’ Mejju 2024 saret korrezzjoni fin-numru tal-passaport li ġie korrett għal IT 4749552.**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors maħluf[1] ippreżentat mill-attriċi fis-6 ta’ Ottubru 2022 li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*1. Illi r-rikorrenti hi omm it-tifel X S li twieled fil-11 ta' Lulju 2019 fl-isptar Mater Dei (ċertifikat tat-twelid immarkat u mehmuż bħala dok 'A').*

*2. Illi kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel kien hemm korrezzjonijiet li saru fiċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel bis-saħħa tad-deċiżjonijiet tal-Qorti msemmija fl-istess ċertifikat tat-twelid. L-intimat aktar tard ġie rikonoxxut bħala missier it-tifel.*

*3. Illi l-intimat m'għandux indirizz fiss f'Malta. F'ċerti okkażjonijiet kien jgħix mar-rikorrent, f'ċerti okkażjonijiet kien jgħix ma' ħbieb oħra f'Malta.*

*4. Illi sa fejn ir-rikorrenti l-konvenuta lanqas biss hu registrat f'Malta u għalhekk lanqas għandha karta ta' residenza f'Malta.*

*5. Sa fejn jaf l-applikant il-missier m'għandux rabtiet u lanqas negozju f'Malta, minbarra t-tifel.*

*6. Illi l-intimat jesprimi dizinteress shih fit-tifel u lmenta kontra l-omm talli insistiet li huwa jkun irregistrat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel.*

*Illi għalhekk ir-rikorrent umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tordna li l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri X S tiġi fdata f'idejn l-applikanta:*

*2. Tawtorizza lir-rikorrent tieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ivvjaġġar u l-ħruġ ta' passaporti tal-minuri X S, mingħajr il-kunsens tal-konvenut u biex jagħti dawk id-dispożizzjonijiet l-oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri fl-aħjar interess tiegħu;*

*3. Tordna li l-X S minuri għandha tgħix mar-rikorrenti;*

*4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment u l-ispejjeż kollha relatati mal-minuri li għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-esponent għall-minuri hawn fuq imsemmi u hekk jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq tmintax-il (18) sena fil-każ li jieqaf mill-iskola u jibda jaħdem fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedi li jibqa'*

*jistudja, kif ukoll tordna li dan il-manteniment jitnaqqsu direttament mis-salarju jew qligħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew xi benefiċċju li l-konvenut ikun qed jirċievi, u jiġi depozitat f'kont bankarju indikat mill-applikanta; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u aġġornat kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u li l-esponent tirċievi xi benefiċċji tat-tfal, inkluż iżda mhux limitat għal, child's allowance, fl-intier tagħhom;*

*5. Tikkundanna lill-intimat iħallas nofs l-ispejjeż tas-saħħa, tal-ħruġ tal-passaport u tal-edukazzjoni tal-istess minorenni sakemm ikun għadu qed jistudja, inklużi l-ispejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari ta' minorenni. Fin-nuqqas li dawn l-ispejjeż kollha jkunu riflessi fl-ammont tal-manteniment;*

*6. Tikkundanna lil konvenut jħallas l-arretrati tal-manteniment u/jew l-ispejjeż l-oħrajn kollha relatati mal-minuri lill-esponenti u dan skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa;*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat il-verżjoni tal-rikors ġuramentat bl-Ingliż;[2]

Rat l-att tat-twelid tal-minuri X[3] li jġib in-numru progressiv 5701 tas-sena 2019;

Rat kopja tad-digriet tat-3 ta’ Awwissu 2022,[4] fejn il-medjazzjoni ġiet dikjarata magħluqa u l-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b’rikors ġuramentat skond l-Artikolu 930 tal-Kap 12;

Rat illi b’digriet tat-22 ta’ Frar 2023[5] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr Jason Grima u l-Prokuratur Legali Silvana Vella bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti u r-risposta ġuramentata tal-istess Kuraturi,[6] fejn ġie eċċepit is-segwenti:

---

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 72.
[4] Fol. 10.
[5] Fol. 12.
[6] Fol. 32.

1. *Illi qabel xejn l-attrici ghandha taghti dik l-informazzjoni kollha li ghandha fuq missier il- minuri X S;*

2. *lli f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri jekk jkun il-kaz;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat ir-rikors tal-attriċi tat-8 ta' Marzu 2023[7] fejn hija talbet korrezzjoni fl-okkju għaliex bi żvista ġie ndikat il-konvenut "*H S*" bħala missier il-minuri X minnflok il-missier propju "*T W*" u d-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Mejju 2023[8] li bih il-Qorti laqgħet it-talba għall-korrezzjoni;

Rat illi r-rikors ġuramentat kif korrett ġie debitatament notifikat lill-Kuraturi Deputati li eċċepew[9] li huma ma humiex edotti mill-fatti u jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-każ;

Rat il-verbal tal-20 ta' Ġunju 2023[10] f'liem seduta il-Qorti appuntat lill-Dr Maria Dolores Gauci bħala assistent ġudizzjarju bis-soliti fakoltajiet;

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar 2024[11] f'liem seduta l-attriċi talbet korrezzjoni fir-rikors promotur fis-sens illi in-numru tal-passaport tal-konvenut assenti għandu jiġi korrett u d-digriet tal-14 ta' Mejju 2024[12] li bih il-Qorti laqgħet it-talba u awtorizzat il-korrezzjoni u ordnat n-notifika mill-ġdid tal-atti kif korretti;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel kif annotat[13] b'isem il-missier jinbidel minn "*H S*" għal "*T W*" u kunjom il-minuri jinbidel minn "S" għal "W C";

Rat illi l-Kuraturi Deputati ġew debitament notifikati;[14]

---

[7] Fol. 39.
[8] Fol. 44.
[9] Fol. 44a.
[10] Fol. 51.
[11] Fol. 69.
[12] Fol. 76.
[13] Fol. 72.

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attriċi permezz ta' affidavit u *viva voce* quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-partijiet ma ppreżentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[15]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

## 1. L-azzjoni odjerna

L-attriċi permezz ta' din il-kawża qiegħda titlob lil Qorti sabiex takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri X S (mibdul għal X W C skond kif jirriżulta miċ-ċertifikat preżentat fl-atti a fol. 72), iben il-konvenut assenti, li twieled fil-11 ta' Lulju 2019 minn relazzjoni li kellhom il-partijiet bejniethom. Hija titlob li l-Qorti tawtorizża lill-attriċi tieħu kull deċiżjoni dwar is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ivjaġġar u l-ħruġ ta' passaporti tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenut u li l-minuri jgħix magħha. Titlob ukoll li l-Qorti tiffissa manteniment għall-minuri kif ukoll tordna lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi kif ukoll arretrati ta' manteniment. Dan wara li l-konvenut wera diżinteress sħiħ fit-tifel u lmenta kontra l-omm talli insistiet li huwa jkun reġistrat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel u l-attriċi ma taf li l-konvenut għandu l-ebda rabta ma' Malta, lanqas indirizz fiss.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, qiegħed jiġi rappreżentat minn Kuraturi Deputati, li min-naħa tagħhom ddikjaraw li ma għandhom l-ebda kuntatt mal-konvenut u għalhekk ma għandhom l-ebda provi xi jressqu u għalhekk il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tal-konvenut.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:</u>*

---

[14] Fol. 78.
[15] Verbal tat-3 ta' Ottubru 2024 a fol. 79.

L-attriċi tippreżenta x-xhieda tagħha permezz ta' affidavit intavolat fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2023[16] fejn hija tiddikjara li ġiet tgħix Malta fl-2011 u li hawn Malta taħdem bħala *Science Technician* ġewwa skola tal-Gvern u għandha lill-minuri X u tifel ieħor. Hija tgħid li ngħatat iċ-ċittadinanza Maltija f'Mejju 2023.

Tgħid li l-minuri X twieled f'Lulju 2019, wara relazzjoni qasira mal-konvenut T W. Tgħid li W qatt ma kellu residenza fissa hawn Malta u li kien ġej u sejjer Sqallija. Tgħid li l-konvenut qatt ma tant kien jinteressah it-tifel u li fil-waqt li fil-bidu mar xi ftit jarah, kultant fi stat ta' sakra tant li kienet tibgħatu 'l hemm, imbagħad waqaf imur jara lit-tifel għal kollox.

Tgħid li darba biss taha manteniment ta' madwar mija u ħamsin Ewro (€150) u minn dak iż-żmien ma reġax taha iktar għalkemm staqsietu jagħmel dan. Tgħid li pruvat sabiex jiffirmaw ftehim bonarju iżda wara li għal bidu l-konvenut aċċetta, mbagħad reġa' bdielu.

Fl-istess seduta l-attriċi tgħid li hi ma tafx fejn hu l-konvenut u ma għandiex address x'tipprovdi ta' fejn jista' jinstab. Tgħid li kellha numru tal-mobile iżda kull meta pruvat taqbdu hi ma rnexxiliex u tgħid li jew blokkja lilha jew biddel in-numru. Hija tipprovdi numru.

*Verżjoni tal-Konvenut Assenti u l-Provi Mressqa Minnu:*

Wara li l-Kuraturi Deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża odjerna, ippreżentaw risposta ġuramentata iżda fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2023[17] iddikjaraw li ma għandhomx provi xi jressqu għaliex ma għandhom l-ebda kuntatt mal-konvenut.

## 3. Principji legali saljenti għall-każ odjern

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

Artikolu 3B tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

[16] Fol. 56.
[17] Fol. 56.

*(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li **jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw** lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

Filwaqt li Artikolu 7 japplika dak li jgħid Artikolu 3B għall- ġenituri kollha, anke jekk mhux miżżewwġin bħal ma hu l-każ odjern:

> *"**Il-ġenituri għandhom l-obbligu** li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

Jirriżulta għalhekk mill-Liġi nostrana, kif imbagħad impoġġija fil-prattika mill-Qrati tagħna illi ż-żewġ ġenituri, miżżewwġin jew m'humiex, għandhom l-obbligu li jindukraw lil uliedhom u jipprovdulhom kull wieħed skont il-bżonnijiet tagħhom. Il-ħsieb tal-Leġiżlatur kien ċar u waħdini – ma jistax wieħed iġib it-tfal fid-dinja mingħajr sens ta' responsabbilità jew sens ta' obbligu fil-konfront tagħhom. Meta l-Qrati tagħna jiġu biex japplikaw dawn l-Artikoli f'kawżi ta' kura u kustodja jżommu f'moħħhom bħala ħsieb li fuqhom jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom l-aħjar interess tal-minuri.

Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe. vs. John Portelli** intqal: "*Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-miżżewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu"*[18]

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti qalet illi: "*La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli*."[19]

---

[18] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003 (Ċit. Nru: 2668/1996/2RCP).
[19] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Diċembru 1858.

B'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Dr V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** ġie ritenut li "*r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal".*[20]

Fir-rigward ta' setgħa tal-ġenitur, il-Qorti tibda billi tiċċita Artikolu 90 tal-Kap 16, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieġ:

*(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-artikolu tal-liġi huwa wkoll indikattiv li l-Qorti, f'każijiet fejn hemm involuti t-tfal, għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawża. Il-Qorti għandha tiddeċiedi fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u *ċioé* ma' min il-minuri ser jirrisjedu u fit-tieni lok dwar jekk għandiex iċċaħħad lil xi ħadd mill-ġenituri mill-awtorità ossija kif se tiddisponi mis-setgħa ta' ġenitur. Il-Kap 16 jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat 'Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri'. Il-provvedimenti saljenti huma l-Artikolu 131 u l-Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

---

[20] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili 1972.

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149 (5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

L-istess Artikoli 3 u 7 jagħmlu referenza wkoll għall-aspett finanzjarju tat-trobbija tal-ulied u ġjaladraba l-Qorti tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f'idejn parti mela dan neċessarjament ifisser li l-parti l-oħra għandu jikkontribwixxi għall-għajxien ta' wliedu billi jħallas manteniment għalihom favur il-parti l-oħra li hi wkoll naturalment tkun qed tagħti sehemha finanzjarjament għat-trobbija tal-ulied li għandha jgħixu magħha. Dan qiegħed jingħad il-linea ta' ġurisprudenza, fosthom il-kawżi **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli John** [21] f'liema sentenza saret referenza għall-artikoli 3, 3B u 7 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ġja ċitati.

F'din is-sentenza l-Qorti qalet: *"Abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess... ... Kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-* ***mezzi rispettivi u l-bżonnijiet tal-istess minuri****, pero` xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri verso l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk* ***jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-subartikolu ta' l-istess artikolu 20****."*

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-minuri huwa obbligu assolut u dan jemmani mill-istess prinċipju tal-aqwa interess tat-tfal.

Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana wkoll illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk*

[21] Deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Rik. Nru. 2668/1996).

*indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[22]

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern

Il-Qorti għandha quddiemha każ ta' omm illi qed titlob il-kura u kustodja ta' binha, wara li jirriżulta mill-provi miġjuba, li l-missier konvenut abbanduna lilha u lil binhom. Hija titlob ukoll illi l-Qorti tiffissa retta alimentari pagabbli lilha għall-bżonnijiet ta' binha u arretrati ta' manteniment.

Jirriżulta mill-atti illi l-konvenut T W ġie rikonoxxut bħala missier il-minuri X b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Frar 2022. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ġudizzjarja ta' din is-sentenza. Il-Qorti għandha biss il-verżjoni tal-attriċi li minnha jirriżulta illi l-konvenut kellu problema sabiex jassumi r-responsabbilitajiet ta' missier mill-bidu nett, għaliex l-omm tgħid fir-rikors promotur li huwa lmenta li jkun reġistrat bħala l-missier fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel. Għalhekk huwa lanqas biss kellu nteress li jiġi rikonoxxut bħala missier it-tifel u ried jabdika mir-responsabbilitajiet li dan l-irwol iġib miegħu.

Dak li ġara wara, fil-fatt, jirrifletti sew dan kollu għaliex kif tixhed l-attriċi, il-konvenut ftit li xejn wera interess f'ibnu u kien ġej u sejjer Sqallija u qatt ma kellu residenza fissa hawn Malta. It-tifel għalhekk qatt ma kellu l-istabbilità li għandu joffri missier lil ibnu.

Mhux talli hekk, talli kien imur jarah biss sporadikament. Ir-relazzjoni tal-partijiet setgħet spiċċat, imma ladarba l-missier u l-omm ġabu iben fid-dinja dawn, bil-liġi nostrana kif kwotata, għandhom obligazzjonijiet fil-konfront ta' dak il-wild. Li għamel il-konvenut f'dan il-każ kien li ħalla lit-tifel f'idejn ommu biex din tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tiegħu u njora l-irwol tiegħu li jemani mil-liġi stess.

Oltre dan, il-ftit drabi li kien imur jarah ġieli kien fis-sakra u l-omm saħħa kien ikun mar, kien ikollha tibgħatu l-hemm. Għalkemm il-liġi tagħna ma tindikax speċifikament dak li l-ġenitur ma għandux jagħmel quddiem

[22] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik Nru 152/16 AL).

uliedu, minn qari tal-Artikolu 3 hawn fuq ċitat isegwi li jekk ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom mela allura jridu jkunu ta' eżempju għalihom f'kull sens biex b'hekk jieħdu ħsieb li t-tfal ikollhom trobbija sana u msejjsa fuq valuri sodi ta' rispett u mħabba.

Saħħa l-konvenut ma kienx qed jaqdi r-responsabbilitajiet ta' missier, huwa lanqas ma kkopera mal-omm meta din ġiet biex ipproponiet abbozz ta' ftehim u għalkemm kienet anke ħadet lill-konvenut għand avukat b'dan il-għan, huwa biddel fehmtu u ma kkonkludiex ftehim bonarju.

Il-Qorti għalhekk għandha quddiemha każ ta' omm illi kellha ddawwar ħajjitha mal-fatt illi missier binha abbanduna lilha u lit-tifel u ħalliha taffaċja l-ħajja weħedha flimkien ma' binha. Tgħid fil-fatt illi lanqas għajnuna finanzjarja ma kellha mill-konvenut ħlief darba fis-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150). Hija issa tiddikjara li taħdem ma' *Science Technician* ma' skola tal-Gvern. Il-Qorti tfaħħar lil omm li mhux talli kellha trabbi lil binha weħedha talli rnexxiela tassigura post tax-xogħol stabbli u li jista' jagħti lilha u lil binha ħajja dinjituża minkejja l-abbandun tal-missier.

Għalkemm il-Qorti ma semgħet ebda provi min-naħa tal-konvenut, jirriżulta bl-aktar mod ċar li kienet l-attriċi li minn dejjem assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri. Mhux talli l-partijiet kienu waqfu mir-relazzjoni u kellha allura fil-prattika nqas sostenn mingħand il-missier, iżda l-missier beda jaġixxi b'mod li kien iktar ta' tfixkil milli ta' għajnuna għaliha sakemm fl-aħħar spiċċa li abbandunahom għal kollox. Jirriżulta ċar ukoll li l-istess attriċi għandha l-interessi tal-minuri għal qalbha, tant li ġġildet sabiex tikseb iċ-ċittadinanza tat-tifel, sabet xogħol stabbli hawn Malta u fl-aħħar kellha mbagħad tintavola l-proċeduri odjerni sabiex tassigura l-aħjar interessi tal-istess minuri.

Barra minn hekk huwa inkonfutabbli għal din il-Qorti illi l-abbandun *da parti* l-konvenut fil-konfront ta' ibnu jpoġġi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu fil-konfront tat-tifel.

Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta illi fid-dawl tal-premess ikun fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u kustodja tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens u li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* v. Francis Cauchi,**[23] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija "*tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom*".

Appena deċiż illi l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun esklussivament f'idejn l-attriċi, il-Qorti tħoss li għandha wkoll tiddeċiedi dwar is-setgħa tal-ġenitur li tmur lil hinn mill-kura u kustodja kif spjegat hawn fuq. Għalkemm ma kienx hemm talbiet dwar dan, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**[24] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidħlu l-minuri "*huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.*"

Kif spjegat il-Qorti fil-każ **SJ vs Dr Brandon Muscat *et noe***[25] "*She has single handedly brought up the children, with little or no help at all from Defendant during these last seven or eight years. She is rightly requesting the Court to have Defendant divested of parental authority over the children and be placed in a position to apply on her own for all the children's needs, both educational and anything related to their health and medical requirements, without the written consent of their biological father. The Court sees no reason at law to withhold these requests. It is in the children's best interests that their mother may apply*

---

[23] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1)
[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4 ta' Marzu 2014.
[25] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar is-16 ta' Novembru 2023 (Rik. Ġur. Nru. 36/2023 AGV).

*on their behalf without requiring prior written consent from Defendant. The Court is of the opinion that Plaintiff has already been carrying the burden of raising two children on her own for almost eight years. Upholding her requests will at least make that burden a little lighter and less bureaucratic. The Court sincerely hopes that this judgment will help make her life and that of the children somewhat easier, in the absence of the  Defendant being present in their lives."*

L-istess fil-każ odjern u ġialadarba l-abbandun tal-konvenut versu ibnu huwa ampjament ċar, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri, li ommu jkollha tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma tal-konvenut missieru, bħal per eżempju f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u saħħa tat-tifel. B'hekk il-Qorti ser tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-artikolu 154 (1) (e) tal- Kap 16, b'dana li l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakolta` li tieħu esklussivament waħedha fir-rigward tal-minuri, kull deċiżjoni kemm ordinarja kif ukoll straordinarja.

Dan ma jfissirx però li l-missier għandu jkun eżonerat mill-obbligu li jagħti manteniment lill-omm għall-minuri.  Anzi f'din is-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-omm hija għandha bżonn iktar u iktar ta' għajnuna finanzjarja meta l-konvenut missier abbanduna għal kollox l-obbligi tiegħu u allura l-omm trid tara kif ser ikollha introjtu biżżejjed sabiex trabbi lil binhom u fl-istess ħin trabbih weħedha.  Kif irriżulta iktar il-fuq tali obbligu tal-manteniment ma huwiex xi wieħed frivolu, iżda huwa wieħed sanċit mil-liġi stess u l-messaġġ waħdieni li din il-Qorti trid tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fiżika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilità li jġibu magħhom l-ulied u li tali responsabbilità ma tiġix abbandunata wara ftit taż-żmien li titwieled it-tarbija. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom ftit wara.

Il-liġi nostrana tagħti gwida ta' kif għandu jkun ikkalkulat il-manteniment ibbażat fuq il-**mezzi rispettivi tal-ġenituri u l-bżonnijiet tal-istess minuri**.  Għalkemm l-attriċi tagħmel talba sabiex tiġi ffissta retta alimentari għal binha u arretrati ta' manteniment għaliex tgħid li kienet darba biss li l-konvenut kien ħallasha xi ftit flus, hija la ġġib provi tal-

introjtu tagħha u tal-konvenut u tal-ħiliet tagħhom u lanqas tal-bżonnijiet partikolari ta' binha. Għalhekk il-Qorti jkollha tasal għal ammont *arbitro boni viri*.

Il-Qorti għalhekk tordna lill-konvenut, iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar għall-minuri X, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi depozitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *childrens allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

L-attriċi titlob ukoll arretrati ta' manteniment *stante* li tgħid li l-konvenut qatt ma ħallasha manteniment minn meta twieled it-tifel għajr somma minima ta' mija u ħamsin Ewro (€150). Kif tgħid l-attriċi fir-rikors tagħha tat-8 ta' Marzu 2023, il-konvenut ġie rikonoxxut bħala missier fl-1 ta' Frar 2022 wara li l-attriċi fetħet kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja fl-ismijiet *C A B vs S H S W*[26].

Il-Qorti ssostni illi kif jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza, appena permezz ta' sentenza wieħed jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

Il-Qorti tal-Appell, fil-kawża **Grech vs Magri**[27], għamlet din l-osservazzjoni fuq l-obbligu tal-missier li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid tat-tarbija: *"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti*

[26] Rik. Ġur. Nru. 213/2021AGV
[27] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Diċembru 1946.

*ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

Għalkemm l-ispejjeż b'lura għandhom jitħallsu *de minimis* kontra prospett ta' infieq, li kif diġà ngħad ma ġiex ppreżentat mill-attriċi, il-Qorti tapprezza illi ammont ta' spejjeż bilfors kellhom jintefqu mill-omm għat-trobbija tat-tifel. Minħabba nuqqas ta' provi, madanakollu l-Qorti ser ikollha toqgħod fuq ammont bażiku u għalhekk hija tal-fehma illi l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar għandu jitħallas mid-data tat-twelid tal-minuri X sad-data tal-preżentata ta' din il-kawża biex b'hekk il-konvenut qed jiġi ordnat iħallas is-somma ta' sebat elef u sitt mitt Ewro (€7,600) lill-attriċi rappreżentanti arretrati ta' manteniment għal binhom X.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri X, <u>issa X W C</u> għandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attriċi tieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar is-saħħa, l-edukazzjoni, l- ivvjaġġar u l-ħruġ ta' passaporti tal-minuri X, mingħajr il-kunsens tal-konvenut;

3. Tilqa' t-tielet talba b'dana li tordna l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabilixxi bħala r-residenza tagħha;

4. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsin Ewro (€250) kull xahar għall-minuri X, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u

edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi depozitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Jekk it-tifel jagħzel li jmur igħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax -il sena, il-manteniment jgħaddi direttament lilu. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *childrens allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

5. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' sebat elef u sitt mitt Ewro (€7,600) lill-attriċi f'arretrati ta' manteniment għal binhom X;

6. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kap 16, tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

Bl-Ispejjeż kollha kontra l-konvenut, b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.